**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Proċediment sommarju speċjali waqt il-ferjat**

**Rik. Ġur. 843/18 GM**

**Malta Stock Exchange plc**

**vs**

**Pefaco International plc**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet premessi li fih talba skont l-Artiklu 167 tal-Kap 12 biex din il-Qorti tilqa', mingħajr smiegħ, it-talbiet fil-mertu miġjuba fl-istess att promotur;

Ikkunsidrat:

Illi l-proċedura mibdija mill-attrici l-Malta Stock Exchange plc hija dik li fil-foro hija komunement imsejjħa "bil-giljottina", introdotta bl-Ordinanza XII tal-1913 u mfassla fuq il-proċedura Ingliża (Ord. XIV)[1];

Illi l-att ġudizzjarju msemmi ġie ppreżentat fl-14 t'Awissu 2018;

Illi Artiklu 29 tal-Kap 12 jagħti s-setgħa lill-Bord tar-Regoli mwaqqaf mill-istess Artiklu li jfassal "Regoli tal-Qorti"; u fin-nuqqas lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja permezz ta' Regolamenti "sabiex jistabbilixxu s-sessjonijiet tas-sena tal-qrati u l-ferjat fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, u għal ħwejjeġ anċillari u inċidentali għal dawk is-sessjonijiet u dak il-ferjat" (Art. 29(2)(h) ibid.);

Illi Regolament numru 28 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni maħruġin permezz tal-Avviż Legali 279/2008 kif emendat bl-Avviż Legali 333/2008 maħruġin taħt l-Artiklu 29 fuq imsemmi (L.S.12.09) li *nter alia* jistabbilixxi għall-Qrati Superjuri perjodu ta' ferjat bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru biż-żewġ dati nklużi. Inċidentalment is-sessjoni ta' wara ma tibdiex fis-16 ta' Settembru (tmiem dawn il-ferjat) imma tibda fl-1 t'Ottubru (Reg. 28(1)(a) ibid.). Dan ipoġġi fil-limbu l-perjodu bejn is-16 u t-30 ta' Settembru: dan il-perjodu mhux wieħed ta' ferjat iżda lanqas huwa wieħed li fih tkun għaddejja sessjoni tas-sena forensi;

Illi hawn il-Qorti sejra tagħmel **parentesi fuq l-istitut tal-ferjat**, biex wieħed jifhem aħjar il-portata ġuridika tagħhom. Il-kodiċi ritwali kif inhu redatt illum ma jsemmix f'liema perjodi jkun hemm il-ferjat u lanqas x'inhuma l-konsegwenzi tagħhom. Isemmi biss li l-ferjat jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' Regoli tal-Qorti (*rules of court*) u huma dawn ir-Regoli li jsawwru l-istitut tal-ferjat (u tas-sessjonijiet) tal-Qrati. Mhux dejjem kien hekk il-każ. Qabel ma ġew imniżżla fir-rank, permezz tal-Att XXXI.2002, il-ferjat kienu rregolati mill-Kodiċi nnifsu; ċjoe' mil-liġi prinċipali permezz tal-Artikli 120,121 u 122 tal-Kap 12; li, oriġinarjament, fl-Ordinanza IV tal-1854, kienu enumerati bħala Artikli 136, 137 u 138. Is-sessjonijiet u l-ferjat insibuhom kemm fil-Code de Rohan kif ukoll fil-Code Manoel – anke jekk kienu xi ftit differenti mill-ferjat tallum.[2] Iżda l-veru fonti tal-kunċett tal-ferjat u tas-sessjonijiet tal-Qrati nsibuh fid-Dritt Ruman. Il-vokabolu "sessjoni" m'huwiex wieħed ġdid fil-foro, għax il-ġranet li fihom il-

[1] Ara Leggi di Procedura Civile, Lezioni del Professore Giovanni Caruana (1866-1923) Trascritte da Giovanni Calleja (1893-1958) editjati minn Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus ta' Malta; noti tal-Professur Caruana Galizia dwar il-Proċedura Ċivili, paġna 147 et seq.

[2] Annotazioni al Diritto Municipale di Malta, Libro Secondo,Capo III (pagna 88), 1843, per Sir Antonio Micallef

pretur kien iżomm is-seduti kienu jissejjħu *dies sessionum* (L.15.$ 19.ff. *ut in pos.legat.*)

Illi skont il-ġuriskonsulti, il-ferjat huma dawk il-ġranet li fihom ma jsirux atti ġudizzjali (L.pen. ff. *de fer*), u kien jsejjħulhom jiem *nefasti* għaliex matulhom il-pretur ma kienx ilissen it-tlett kelmiet solenni *do dico addico*[3] u għalhekk f'dawk il-jiem fil-Qrati kien jiġi osservat is-silenzju. Fid-dritt Ruman, il-ferjat kienu maqsumin prinċipalment f'dawk solenni u dawk repentini: is-solenni u ordinarji kienu dawk li jseħħu fi żmien fiss; ir-repentini kienu dawk li jsiru fi żminijiet imprevisti; l-iktar dawk stabbiliti mil-prinċep għad-divertiment tal-pubbliku ad unur tiegħu. Il-ferjat, kemm solenni kif ukoll repentini, setgħu ikunu divini (ad unur tal-kult divin) jew umani (għall-konvenjenza tan-nies – ewlenin fosthom kienu żmien il-ħsad speċjalment tal-qamħ u żmien ġabra tal-prodotti agrikoli). Ix-xorta tal-ferjat fil-kodiċi De Rohan kienet divina: il-ħdud; jum il-Milied; mill-għerba sas-Sibt tal-Ġimgħa l-Kbira. Skont id-dritt Ruman, **l-atti kollha magħmulin waqt li ferjat divini kienu nulli** (L.2.C. *de feriis -L.1.ff. de feriis*). Għalkemm skont id-dritt ċivili setgħu isiru litiġji bil-kunsens tal-partijiet waqt il-ferjat divini(L.8, *Cod. de Feriis*) dan kien ipprojbit mil-liġi kanonika (l-aħħar Kap *de feriis*) li kienet tiġi osservata f'Malta. Waqt il-ferjat umani ħadd ma seta jiġi mġiegħel jiqqortja; imma jekk il-konvenut jidher u ma jqanqalx l-eċċezzjoni tal-ferjat (li kient titqies bħala waħda dilatorja) kien jitqies li rrinunzja għaliha (L.1.$1.L.6. ff. *de feriis* – L.4. C. *quom et quando. jud.*).

Illi fl-ordni ġuridiku tagħna llum, stabbilita fil-qafas tagħha fil-*Costituzione di tutte le Corti Superiori* ta' Thomas Maitland,(1814 Skont il-Costituzione msemmija, Regolament Numru 13, "At the expiration of every three months (which period shall be termed a Session), there shall be a vacation of one month; during which time the said several Courts shall be at liberty to adjourn, subject to the provisions hereafter to be established for each of the said Courts respectively". Fil-preżent is-sena forensi hija maqsuma fi tlett sessjonijiet – tal-Epifanija, tal-Pentekosti u tal-Vitorja – u l-intervall bejn sessjoni u oħra huwa ferjat.

"Presso di noi" kiteb Sir Antonio Micallef fil-kummentarju tiegħu dwar il-Code de Rohan miktub fil-bidu tal-era Ingliża f'Malta, "l'eccezione delle ferie non sembra facilmente ammissibile, essendo state le vacanze, che sono attualmente in uso,

[3] Dawn it-tlett kelmiet jiddeskrivu l-ġurisdizzjoni ċivili tal-Pretur: *Do* tfisser nagħti, għax il-pretur kien jagħti l-azzjonijiet u l-eċċezzjonijiet; *dico* tfisser jgħid, għax kien jippronunzja s-sentenza; *addico* tfisser tagħti jew tikkundanna, għax kien jassenja l-proprjeta' in kwistjoni jew beni tad-debitu lill-attur

introdotte piuttosto in favore dei giudici che dei litiganti (Arg. $14. Costit.gen. del 1814).[4]

Illi interessanti għall-każ preżenti dak li l-istess kittieb jgħid dwar it-termini: "*Le vacanze non interrompono il corso dei termini stabbiliti, ne osteranno perche' sia incusata la contumacia; ma tali termini correranno sempre secondo la loro durata – Non di meno niente ostera' perche' il corso de' termini per la risposta o per la replica venga sospeso durante le vacanze, quando i difensori partecipassero il registro essere tra loro passata una tale intelligenza, nei quali casi a tal effetto il registatore fara' un notamento – Potra' ancora la corte a domanda di una delle parti sospendere il corso dei termini suddetti, quando dall'altra parte non si dimostrasse soddisfacentemente una giusta causa di urgenza in contrario – Si veda la L.3.Cod. de dilation.*"[5]

Illi Reg.28(f) ibid. jistabilixxi liema seduti jistgħu jinżammu fil-ferjat u ċjoe':

(1) "għal raġunijiet ta' natura urġenti kif jiġi deċiż mill-qorti fuq talba għaldaqshekk" jew
(2) "bl-approvazzjoni taż-żewġ partijiet" jew
(3) "għal kull raġuni oħra tkun li tkun kif jiġi deċiż mill-qorti, iżda dik ir-raġuni għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża";

Illi skont Artiklu 169 tal-Kap 12, ir-rikors ġuramentat li jkun qed jitlob dispensa mis-smiegħ "għandu jkun notifikat lill-konvenut mingħajr dewmien; u huwa għandu jiġi mħarrek biex jidher mhux iktar tard minn ħmistax-il jum u mhux aktar minn tletin jum min-notifika". Kif ġja' ngħad, l-att promotorju *de quo agitur* ġie ppreżentat fl-14 t'Awissu 2018 iġifieri waqt il-ferjat u dan ifisser li s-smiegħ tal-kawża jkollu jsir fil-ferjat. Filwaqt li min-naħa l-waħda m'hemm xejn xi jżomm il-Qorti milli żżomm seduta fil-ferjat "għal kull raġuni" kif tista' tiddeċiedi hi stess; din il-Qorti tifhem li xorta waħda trid tkun "raġuni" u mhux sempliċi skuża jew kapriċċ; inkella l-ferjat jispiċċaw fix-xejn. Din il-Qorti ma tarax li hija raġuni valida li tinżamm seduta waqt il-ferjat li t-terminu għad-data tal-udjenza jaqa' fihom minħabba t-terminu impost mill-imsemmi Artiklu 169;

---

[4] Page 199 (Annotazioni al Dritto Municipale di Malta, op.cit)

[5] Ibid., p. 199-200 Għal approfondiment dwar is-sessjonijiet u l-ferjat u l-effett tagħhom ara Leggi di Procedura Civile, Lezioni del Professore Giovanni Caruana (1866-1923) Trascritte da Giovanni Calleja (1893-1958) editjati minn Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus ta' Malta; noti tal-Professur Caruana Galizia dwar il-Proċedura Ċivili, paġna 1336 -1337; Trattato delle Procedure Giudiziare nel Foro di Malta – 1839 ta' Sir Antonio Micallef; paġna 185

Illi għalhekk sejra tiffisa l-udjenza għal data li tiġi wara li jintemmu l-ferjat. Huwa minnu li l-proċedura taħt l-Artiklu 167 *et. seq.* hija waħda straordinarja; odjuża għall-konvenut billi tpoġġi d-difiża tiegħu fi żvantaġġ, u għalhekk għandha tiġi, **b'mod ġenerali**, tiġi segwita *ad unguem* u nterpretata restrittivament; u li l-Qorti għandha fil-kondotta ta' kawżi bħal dawn tosserva ċerta kawtela sabiex ma tippreġudikax il-jeddijiet tad-difiża.[6] B'danakollu, għal din ir-regola ġenerali, il-leġislatur, permezz ta' emenda speċifika (ara Att XXIV.1995.78), **għamel eċċezzjoni fejn ikun hemm nuqqas ta' tħaris tat-termini** biex jiġi notifikat il-konvenut ("mingħajr dewmien") u biex jidher quddiem il-Qorti ("mhux iktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux iktar tard minn tletin jum min-notifika"), f'liema każ il-"**qorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment speċjali** iżda, għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux preġudikati" (proviso għall-Art. 169 *ibid.*). Din il-Qorti ma tarax li hemm xi preġudizzju lil xi parti billi ttawwal il-perjodu għall-ewwel smiegħ. Il-Qorti rispettożament ikollha tiddissenti mill-pronunzjamenti[7] li kawża bil-giljottina ippreżentata waqt il-ferjat (fil-każ preżenti, kif ingħad, ġiet ippreżentata tlett ijiem qabel il-bidu tal-ferjat; iżda l-effett prattiku jibqa' l-istess) titrasforma ruħha u tiġi ttrattata u deċiża fil-kors normali tagħha. Wisq inqas li jekk titkompla l-proċedura speċjali, il-proċediment kollu jkun null.[8] Dan billi l-liġi hija tassattiva li f'każ ta' nuqqas ta' tħaris tat-termini, il-Qorti għandha tkompli timxi bil-proċediment speċjali, kif fuq spjegat. Il-ġurisprudenza mhix waħda konformi f'dan ir-rigward. Tant li l-Qorti tal-Appell applikat l-imsemmi proviso meta l-kawża ġiet appuntata f'inqas minn ħmistax-il jum iżda l-konvenut deher fl-udjenza flimkien mal-avukat tiegħu u ddefenda ruħu.[9]

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħdha tiffissa l-ewwel jum tas-smiegħ tal-kawża għal nhar **il-Ħamis, 9 t'Ottubru 2018 fil-hdax u nofs ta' filghodu (11.30a.m)** u għal kull bwon fini u biex jiġi evitat kull malintiż speċjalment mal-konvenut tagħmilha ċara li tqis li minkejja t-titwil tat-terminu sal-ewwel jum tas-

---

[6] Valletta Aluminium and Wrought Iron Works Ltd v Carmen Grech – 08.05.2001 – Qorti tal-Appell

[7] Victoria Tabone v Daniel Orsini – 24.10.2016 – Prim'Awla; li tiċċita lil Charles Bonnici v Anna Farrugia – 02.02.1999 – Qorti tal-Appell

[8] Miller Distributors Limited v Ignatius Zammit – 28.06.2001 – Qorti tal-Appell sede Ċivili. Tabilħaqq, tali proċediment kien ikun null qabel l-emendi tal-1995. Ara per eżempju Saviour Cachia v Boris Arcidiacono – 06.04.1987 – Qorti tal-Appell; John Ellul v Emanuel Ellul – 18.03.1987 – Appell Kummerċjali; Av. Victor Emanuel Ragonesi v Helma mart Joseph Muscat Doublesin – 23.01.1991 – Appell Kummerċjali; Charles Bonnici v Anna Farrugia – 02.02.1999 – Qorti tal-Appell Kollez. Vol. LXXXIII.ii.1

[9] Pauline Vella Moran v Paul Abela – 30.05.2008 – Qorti tal-Appell

smiegħ il-proċediment speċjali xorta waħda għadu fis-seħħ – kif wara kollox huwa impost fuqha mil-liġi.

Mogħti kameralment illum  21 t'Awissu 2018

**Onor. Grazio Mercieca LL.D.,**

**Imħallef**

**Komunika:  il-partijiet u l-avukat R. Vella Baldacchino għal Malta Stock Exchange plc**